MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 26/2004

Il-Pulizija
(Spettur M. Buttigieg)
Vs
Aldo Muscat

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 t'Ottubru, 2001, ghall-habta tad-9.10 p.m., fi Triq Targa Gap, Mosta, saq vettura nru. JGY-027 :**

**1) B'giri aktar milli jmissu;**
**2) B'manjiera perikoluza;**
**3) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti nvolontarjament ikkaguna hsarat fuq il-vettura nru. EAU-875 ghad-dannu ta'**

**Lawrence Civelli u fuq il-vettura IBC-365 ghad-dannu tal-konjugi Mario u Carmelina Agius;**
**4) U aktar fl-istess incident involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francyne Donna Agius skond kif iccertifikat verbalment Dr. Susan Attard M.D ta' l-Isptar San Luqa.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-22 ta' Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-Artikoli 15 (1)(a), (2), 18 (2) tal-Kap. 65, 127 AL 128/94 u l-artikolu 226 tal-Kap. 9, sabet lill-imputat hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira Maltin (LM500) u skwalifikatu milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2004 li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar is-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena u fin-nuqqas tbiddel is-sentenza billi tapplika piena anqas oneruza w li s-sospenzjoni tal-licenzji tas-sewqan tkun wahda minima fic-cirkostanzi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor kienu s-segwenti w cioe' :- 1. li l-fatti juru li l-appellant ma kienx la qed isuq negligenti jew b' xi mod traskurat jew b' mod iehor imma l-fatt li l-vetturi li ostakolaw il-karreggjata tat-triq ewlenija ma hallewhx ikompli l-korsa tieghu meta din kull ma kienet, kienet habta ta' bumper ma bumper u li skond il-ligi kellhom inehhu l-istess vetturi immedjetament minn nofs ; 2. illi bla pregudizzju l-Ewwel Qorti kellha tara w tapprezza li l-speed li rrizulta li kien 25 kilometri fis-siegha w dan mhux kontradett minn xi prova ohra tal-prosekuzzjoni , kien speed li kien accettabbli fil-post fejn sar l-incident li hu area barra minn belt fejn ma hemmx abitazzjoni ; u 3. li l-fatt li hu ra ma wiccu l-*hazard lights*, wasslu biex dawn tawh alarm ha jibbrejkja l-vettura u dan ma rrennixilux jaghmlu minnhabba l-kondizzjoni tat-triq ;

**Fliet l-atti kollha proceswali ;**

**Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni w lill-appellant ;**

**Rat il-verbal li bih il-Prosekuzzjoini w d-difiza ma nsistewx ghall-produzzjoni tax-xhud Dr. Susan Attard M.D. u li fih iddikjaraw li l-feriti riportati minn Francyne Donna Agius kienu ta' natura gravi;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Ikkonsidrat ;**

Illi mix-xhieda mismugha quddiem din il-Qorti jirrizulta li l-incident li ta lok ghal din il-kawza kien gara fl-20 t' Ottubru, 2001 ghall-habta tad-9.10 pm fi Triq Targa Gap , il-Mosta u dak in-nhar l-appellant waqt li kien qed isuq il-car JGY 027 , ibbrejka meta ra xi vetturi weqfin fit-triq il-quddiem minnu, u skondu skiddja w baqa' diehel fl-eqreb vettura li umbaghad giet imbuttata fuq ohra li kien hemm wieqfa quddiemha . B'rizultat ta' dan Francyne Donna Agius sofriet offiza ta' natura gravi u l-karozzi milquta sofrew danni.

**Skond** P.S. 667 EDGAR BORG **kien gara incident bejn zewg vetturi ohra w l-appellant kien qallu li hu kien skiddja meta ra l-*hazard lights* ta' dawn iz-zewg vetturi , pero' s-Surgent zied jixhed li l-art dak in-nhar kienet xotta w bla xita w nida. Inoltre l-appellant ammetta mieghu li hu kien isuq bi speed daqxejn "high".**

LAWRENCE CIVITELLI **, wiehed mis-sewwieqa taz-zewg vetturi weqfin xehed li kienet sehhet kollizzjoni *"bumper to bumper*" u xi zewg minuti wara , giet il-karozza tal-appellant u dahlet fil-car ta' warajh u wegghet Agius li kienet f' dik il-car . Hu kien sema' brake kbir u daqqa , pero' l-karozza tal-appellant ma kienx raha gejja . Iz-zewg karozzi mahbutin kellhom il-*hazard lights* mixghulin it-tnejn qabel it-tieni habta mall-car tal-appellant. Dak in-nhar , jum tas-sibt filghaxija, t-traffiku kien "heavy", ghax kien qed isir xi xoghol fit-triq . Hu ma rrinunzjax ghall-azzjoni kriminali .**

**Illi dawn il-fatti gew korroborati mix-xhud** CARMEN AGIUS **li xehdet li wara li hi kienet habtet mall-vettura ta' quddiemha fi front to rear collision u hi kienet lejn in-naha ta' wara tal-car ta' quddiemha filwaqt li bintha Francyne Agius kienet qed iggib il-formola tal-"bumper to bumper collision" mill-car taghha, giet il-car misjuqa mill-appellant u habtet mall-car taghha w imbuttatha 'l quddiem u dan wassal biex bintha Francyne intefghet fl-art u weggghet . Naturalment qabel din l-ahhar habta il-car taghha ma kellhiex hsara fuq wara u hsara hafifa fuq quddiem biss. L-istess fis-sustanza xehdet** FRANCYNE AGIUS .

L-APPELLANT **xehed illi hu kien gej isuq mill-Mosta lejn Burmarrad wara t-traffiku li kellu quddiemu b'xi 25 kilometru fis-siegha. Induna li l-brake lights tal-karozza ta' quddiemu bdew jixghelu u minnufih ra l-hazard lights jixghelu. Hu naqqas u ghafas il-brake imma l-karozza tieghu li hija Mercedes antika tkaxkret u baqghet diehla fil-karozza ta' quddiemu. Ra tfajla taqa' ma' l-art. Xehed ukoll li hu ghandu bzonn il-licenzja ghax huwa jopera negozju tal-car hire.**

**Ikkonsidrat ;**

Illi ma hemmx dubju li fid-dinamika tal-incident kif irrizulta l-unika *"moving body*" fil-hin tat-tieni habta kienet il-vettura misjuqa mill-appellant u l-vetturi l-ohra kien ilhom stazzjonarji ghal xi hin , wara l-ewwel habta , bil-*hazard lights* mixghulin jissenjalaw il-prezenza taghhom f' dik il-parti tat-triq. Ghalhekk mhux il-kaz li s-sewwieqa ta' dawn iz-zewg vetturi jistghu b' xi mod jigu ritenuti li kkontribwew ghal jew addirittura kkagunaw it-tieni incident . Anki jekk il-habta ta' bejnithom kienet wahda *"bumper to bumper*" u allura ma kellhomx ghalfejn jistennew li jigu l-wardens jew il-Pulizija fuq il-post u setghu anki jcaqilqu l-vetturi minn fuq il-post u jipparkjawhom fil-gemb tat-triq , dan ma jfissirx li dan ried isir minnufieh jew li kellhom l-obbligu li jisparixxu l-vetturi taghhom mit-triq immedjetament wara l-habta, kif donnu jippretendi li kellu jsir l-appellant. Ghalhekk ir-ricerka ghal dak li seta' kkaguna l-incident trid

tiffoka biss fuq is-sewqan tal-appellant u ta' hadd aktar f' dan il-kaz ghaliex kienet il-vettura tieghu li habtet ma zewg vetturi stazzjonarji.

**Ikkonsidrat;**

**Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta , jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' *"Degree*". (App.Krim.** Pul. vs. Charles Bartolo **14.3.59** ; Pul. vs. Wilson, **Vol. XXXIX p. 1018** u Pul. vs. Alfred Vella, **Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham **, 19.10.1963) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **XXXIX p. 978.). "*Recklessness*" giet defenita bhala *"wilfully shutting one's eye* ".(App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina **, 20.4.1963) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali (App. Krim.** Pul. vs. Antonio Spiteri **, Vol. XLIV , p.892)**

**Illi fil-kaz in ezami l-appellant jidher li qed iqajjem id-difiza tal-*"casus*" kagjonata minn skiddjar tal-vettura tieghu. Illi gie ritenut appropositu minn din il-Qorti li :-**

***"F'materja ta' "skidding" il-principju regolatur ma jistax hlief ikun dan . L-skid wahedha mhix la prova ta' negligenza u lanqas skriminanti . Hemm bzonn li jigi indagat jekk kienx hemm negligenza antecedenti jew konkomitanti . Jekk negligenza simili tirrizulta , allura hemm ir-responsabbilta' nonostante l-"skid" . Jekk ma tirrizultax, allura l-"skid" hija "a good defence" ghax tkun "inevitable accident" . Ghaldaqstant biex tirmexxi id-difiza tal-"skid", jinhtieg li l-imputat jipprova mhux biss l-"skid" dovuta ghall-art tizloq imma ukoll li l-"skid" saret bla ebda negligenza tieghu u li hu jkun ha l-prekawzjonijiet kollha li ghandu jiehu driver prudenti meta l-art tkun tizloq . Meta driver***

***jipprova mhux biss il-fatt tal-"skid" "sic et simpliciter" , imma jipprova ukoll li l-"skid" saret bla ebda htija tieghu , izda accidentalment  b'mod li l-vettura , bla htija tieghu  u accidentalment  , saret inkontrollabbli , allura hija eskluza in-negligenza li taghti lok ghar-responsabilta' kriminali ."*** **(**Il-Pul. vs. Carmel Cachia**- Vol. XXXVII , iv. p.920).**

**Gie ukoll  ritenut minn din il-Qorti fl-Appell :** Il-Pulizija vs. J. Cost Chritien **(Vol. XXXVII , iv. p. 873) li *"meta tissuciedi kollizzjoni minhabba li wahda mill-karozzi tkun skiddjat , id-driver tal-karozza li skiddjat huwa responsabbli jekk ma gharafx jaghmel  il-manuvra mehtiega biex jevita u jnaqqas l-skiddjar meta kellu z-zmien biex jaghmel dan u hu aktar responsabbli jekk jaghmel xi manuvra li tipprovoka l-aggravament tal-iskiddjar . Ghax l-imperizja fis-sewqan bhas-sewqan hazin hija htija ."***

**Issa mill-provi pero' ma jirrizultax ghaliex l-appellant , meta applika l-brakes kellu jiskiddja, ghaliex kif xehed is-Surgent, l-art kienet xotta u la kienet ix-xita u lanqas in-nida . Inoltre l-fatt li x-xhud Civitelli sema *brake* kbir jindika li fil-fatt il-karozza mhux skiddjat imma tkaxkret fuq il-brakes . Kieku kien hemm skid mhux probabbli li kienu jinstemghu hsejjes ta' *brakes* . Ghalhekk apparti li l-fatt tal-iskiddjar ma jirrizultax per se , anki kieku dan kellu jirrizulta, xorta wahda ma jezonerax lill-appellant mir-responsabbilta' kriminali fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata , jekk il-vettura tieghu ma setghetx tieqaf minnhabba l-velocita' li kienet qed tinsaq biha.**

**Illi gie ritenut li : "*speed jista' jkun eccessiv anki jekk ma jiskorrix  il-limiti  regolamentari ghal dik il-lokalita' izda jiskorri dawk dettati mill-prudenza  u  mill-fatturi ambjentali tal-mument."* (App. Krim.** Pol. vs. R. Bugeja **30.6.62) .  Jidher li f'dan il-kaz l-speed tal-vettura misjuqa mill-appellant  kien oghola minn dak li kien jippermettilu li jwaqqaf il-car tieghu f' kaz ta' bzonn**

**minghajr ma jahbat ma xi ostakolu li seta' jiltaqa' mieghu fit-triq quddiemu .**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti dan hu kaz klassiku ta' sewwieq li jahbat ma xi ostakolu inerti fit-triq jew mall-gemb tat-triq u fejn mill-assjem tac-*"circumstantial evidence*" jew *"presumptions of fact*" li jirrizultaw , il-gudikant ikun moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti . (Ara. App. Krim.** Pol. vs. James Abela ; **11.7.2002)**

**Illi ma hemmx dubju li mhux sewqan tajjeb li jwassal biex driver jahbat ma xi haga inerti li jkun hemm f' nofs it-triq jew mal-gemb tal-karreggjata u dan sakemm is-sewwieq ma jaghtix xi spjegazzjoni skuzanti plawsibbli almenu sal-grad tal-probabbilta' tista' twassal biex ma tinstabx htija kontra tieghu.**

**Illi l-appellant , ghalkemm mhux qed isemmiha espressament , donnu jidher li qed jirrikorri ghad-difiza tas-"*sudden emergency*" . Issa pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Capt. A. Gera" **(13.12.68) :**

***"Driver ma jistax jissolleva b'success id-difiza tas-"sudden emrgency" meta l-emergenza jkun holoqha hu."***

**Issa hu risaput li meta wiehed ikun qed isegwi vettura ohra, irid izomm "a safe distance" lura minnha, biex, jekk din tieqaf hesrem , hu jkollu cans li jieqaf tempestivament . Di fatti il-paragrafu 56 ta' "**THE HIGHWAY CODE" **jirrakkomanda espressament hekk :-**

***Allow a distance sufficient to enable you to pull up in an emergency* ..."**

**Illi kif osserva** NORMAN SULLIVAN **fil-ktieb tieghu "*The Advanced Driver*" (1965 edit, p.88) :-**

*“Nearly every time a motorist has to step on the brake suddenly the reason can be traced to a deficiency in his planning . A good driver rarely , if ever, has to stop the car as in an emergency, as the emergency would probably have been created by his own negligence ….”*

**F’dan il-kaz terga’ dawn il-vetturi li dahal fihom l-appellant ma kienux waqfu hesrem quddiemu , izda kif irrizulta mix-xiehda ta’ Civitelli kien ilhom weqfin mahbutin fit-triq diga’ ghal xi zewg minuti , meta dahlet fihom il-car misjuqa tal-appellant . Ghalhekk fl-ewwel lok ma kien hemm ebda emergenza subitanea u fit-tieni lok il-habta grat minnhabba s-*“self inflicted incapacity*” kagjonata mis-sewqan hazin tal-appellant li ma kienx qed isuq bi speed tali li jippermettilu jieqaf hesrem u tempestivament meta jiltaqa’ ma xi ostakolu quddiemu fit-triq. Umbaghad zgur li l-emergenza ma kienetx mahluqa mill-fatt li z-zewg vetturi kellhom il-*“hazard lights*” mixghulin , anzi kien ikun il-kuntrarju kienu dawn id-dwal ma kienux mixghula**

Dana kollu stabilit , din il-Qorti pero’ xorta wahda ma thossx li s-sewqan hazin tal-appellant kien ta’ tali gravita’ li jinkwadra ruhu fir-reat ta’ sewqan b’ manjiera perikluza fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata izda indubbjament kien jammonta ghal sewqan hazin fi grad inferjuri w cioe’ dak b’maniera traskurata li hu kompriz u involut fir-reat aktar serju ta’ sewqan perikoluz . Dan ghaliex kien jikkonsisti biss f’ nuqqas ta’ prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali w ergo kien jammonta biss ghal sewqan b’ manjiera traskurata w mhux ukoll sewqan b’ manjiera perikoluza. (App. Krim. **“Il-Pulizija vs. Stephen Grima”** [12.2.04] ). Kien dan il-kawza prossima w determinanti tal-kollizzjoni u ghalhekk l-appellant instab hati korrettament mill-Ewwel Qorti tat-tielet u r-raba imputazzjonijiet.

Ghalhekk u ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tilqghu limitatament b’ dan li tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet u r-raba imputazzjoni w tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel u tat-tieni

imputazzjoni w in kwantu kkundannatu jhallas multa ta’ hames mitt lira Maltin (LM500) u ordnat li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur minn dak in-nhar u minnflok issibu hati ukoll tar-reat kompriz u involut ta’ sewqan b’ manjiera traskurata w tikkundannah ghall-multa ta’ mitejn lira Maltin (LM200) u li jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xaharejn li jibda jghaddi minn-nofs il-lejl u minuta ta’ ghada filghodu 17 ta’ Gunju, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------